BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 9/2009**

**Settembru 2009**

L-istatistika monetarja għax-xahar ta' Settembru 2009 maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta turi li l-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro ċkienet bi EUR86.8 miljun, meta mqabbla m'Awwissu, biex laħqet EUR8.5 biljuni. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali fit-tkabbir tal-kontribuzzjoni ta' Malta għall-M3 taż-żona tal-euro waqgħet għal -2.4% minn -1.2% f'Awwissu.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) tal-kontribuzzjoni ta' Malta naqas bi EUR33.7 miljun, jew 0.8%, matul ix-xahar, wara tnaqqis fid-depożiti *overnight*. Dawn naqsu bi EUR30.6 miljun, jew 0.9%, l-aktar minħabba li naqsu l-bilanċi miżmuma minn kumpanniji lokali tal-assigurazzjoni. Id-depożiti *overnight* miżmuma minn residenti oħra taż-żona tal-euro naqsu wkoll, għalkemm b'ammont iżgħar. Sadanittant, il-flus maħruġa naqsu bi EUR3.1 miljuni, jew 0.5%. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 battiet għal 8.0% minn 8.6% f'Awwissu.

In-tnaqqis fl-M1 u fid-depożiti marbuta għal żmien qasir ikkontribwew għal tnaqqis fil-komponent monetarju intermedju (M2) ta' EUR53.1 miljun, jew 0.6%, f'Settembru. Fil-fatt, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas naqsu bi EUR18.4 miljun, jew 0.4%, hekk kif tnaqqis konsiderevoli fid-depożiti miżmuma minn intermedjarji finanzjarji residenti li mhumiex banek u minn individwi kien imtoffi parzjalment minn bilanċi ogħla ta' kumpanniji privati mhux finanzjarji li huma residenti fil-kumplament taż-żona tal-euro. B'riżultat ta' dan, ir-rata annwali tat-tkabbir fid-depożiti ta' residenti Maltin li ntrabtu għal sentejn jew anqas kompliet tonqos għal -12.3% f'Settembru meta mqabbla ma' -9.3% f'Awwissu. Id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu bi ftit matul ix-xahar.

L-obbligazzjonijiet ta' banek residenti fin-natura ta' titoli ta' self fuq żmien qasir u tnaqqas minnhom l-investimenti tagħhom f'titoli simili li ħarġuhom istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) oħrajn fiż-żona tal-euro, ukoll jagħmlu parti mill-M3. Matul ix-xahar, l-ammont nett minn dawn it-titoli ta' self fuq żmien qasir miżmum mill-IFM Maltin kiber bi EUR33.7 miljun. Għalhekk dawn kellhom impatt negattiv fuq il-kontribuzzjoni Maltija għall-M3 taż-żona tal-euro f'Settembru.

B'kollox, id-depożiti ta' residenti lokali inklużi fl-M3 ċkienu bi EUR103.0 miljun f'Settembru. Dan it-tnaqqis jista' jkun kaġun tal-ħruġ ta' bonds minn kumpanniji matul ix-xahar li pprovdew għażla alternattiva għal min ried ifaddal. Għalhekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom baqgħet waħda negattiva b'waqgħa għal -3.1% minn -0.8% f'Awwissu.

Is-self lil residenti ta' Malta kiber bi EUR47.1 miljun f'Settembru, biż-żieda tkun dovuta għas-self minn residenti eskluż il-gvern ġenerali. Is-self lil din il-kategorija

żdied bi EUR91.4 miljun, jew 1.2%, bl-interessi fuq l-ammonti dovuti jkunu kaġun ta' parti minn din iż-żieda. Minn perspettiva settorjali, żdied sew is-self lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, lill-individwi għall-iffinanzjar ta' xiri ta' djar u lis-settur tal-proprjetà, kiri u negozju. B'kuntrast għal dan, is-self lill-gvern ġenerali Malti ċkien bi EUR44.3 miljun, jew 2.3%, hekk kif tnaqqis fl-ammonti ta' stokks tal-Gvern Malti miżmuma mill-banek ġie mtoffi parzjalment b'żieda ta' bills tat-Teżor fil-portafoll tagħhom. Għalhekk ir-rata annwali tat-tkabbir ta' self lil residenti Maltin battiet għal 11.1% f'Settembru minn 11.9% f'Awwissu.

Madankollu, is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra fiż-żona tal-euro kiber bi EUR229.5 miljun matul ix-xahar. B'riżultat ta' dan, iż-żieda totali fis-self lil residenti taż-żona tal-euro kibret bi EUR276.7 miljun f'Settembru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u residenti barra ż-żona tal-euro, naqset bi EUR56.5 miljun, jew 0.8%, f'Settembru. Dan ġara minħabba li l-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro naqsu bi EUR487.5 miljun, l-iktar minħabba anqas self lis-settur privat mhux bankarju barra ż-żona tal-euro u tnaqqis fid-depożiti miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro naqsu b'inqas, bi EUR431.0 miljun hekk kif naqsu s-self tal-banek residenti u d-depożiti fissi ta' kumpanniji privati mhux finanzjarji.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 li jirriflettu prinċipalment transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro, żdiedu bi EUR307.0 miljuni, jew 2.9%, f'Settembru, hekk kif l-obbligazzjonijiet l-oħra netti żdiedu konsiderevolment minħabba tnaqqis qawwi fl-obbligazzjonijiet fuq banek oħra fiż-żona tal-euro. Madankollu żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal bħal qligħ imfaddal u riżervi kkontribwew ukoll b'mod sinifikattiv.

Matul ix-xahar, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata kif applikata minn banek residenti fuq depożiti ta' klijenti naqset b'5 punti bażi għal 1.62% matul ix-xahar, filwaqt li r-rata tal-imgħax medja ppeżata applikabbli għal self baqgħet l-istess għat-tielet darba konsekuttiva, jiġifieri 4.48%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Set-09 | Aww-09 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-08 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,170.4** | **4,204.1** | **-33.7** | **-0.8** | **3,862.8** | **307.6** | **8.0** |
| Flus maħruġa[3] | 1.1 | 618.9 | 622.0 | -3.1 | -0.5 | 629.5 | -10.6 | -1.7 |
| Depożiti *overnight*[4] | 1.2 | 3,551.5 | 3,582.1 | -30.6 | -0.9 | 3,233.4 | 318.1 | 9.8 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,470.9 | 3,497.4 | -26.5 | -0.8 | 3,130.0 | 340.9 | 10.9 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,660.2** | **8,713.3** | **-53.1** | **-0.6** | **8,912.0** | **-251.8** | **-2.8** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,170.4 | 4,204.1 | -33.7 | -0.8 | 3,862.8 | 307.6 | 8.0 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 109.8 | 110.8 | -1.0 | -0.9 | 116.0 | -6.2 | -5.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 109.8 | 110.8 | -1.0 | -0.9 | 116.0 | -6.2 | -5.3 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,380.0 | 4,398.3 | -18.4 | -0.4 | 4,933.1 | -553.2 | -11.2 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 4,142.9 | 4,218.4 | -75.5 | -1.8 | 4,726.2 | -583.4 | -12.3 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **8,535.6** | **8,622.4** | **-86.8** | **-1.0** | **8,742.8** | **-207.3** | **-2.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,660.2 | 8,713.3 | -53.1 | -0.6 | 8,912.0 | -251.8 | -2.8 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | -124.6 | -90.9 | -33.7 | 37.1 | -169.1 | 44.5 | -26.3 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **12,507.0** | **12,230.3** | **276.7** | **2.3** | **12,062.5** | **444.5** | **3.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 2,735.7 | 2,705.8 | 29.8 | 1.1 | 1,903.6 | 832.1 | 43.7 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 1,918.7 | 1,962.9 | -44.3 | -2.3 | 1,512.5 | 406.2 | 26.9 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 9,771.3 | 9,524.5 | 246.8 | 2.6 | 10,158.9 | -387.6 | -3.8 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,552.7 | 7,461.3 | 91.4 | 1.2 | 7,024.3 | 528.4 | 7.5 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **6,919.2** | **6,975.6** | **-56.5** | **-0.8** | **8,934.9** | **-2,015.8** | **-22.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 25,268.7 | 25,756.2 | -487.5 | -1.9 | 29,223.9 | -3,955.2 | -13.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 18,349.5 | 18,780.6 | -431.0 | -2.3 | 20,289.0 | -1,939.4 | -9.6 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **10,890.6** | **10,583.6** | **307.0** | **2.9** | **12,254.6** | **-1,364.0** | **-11.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 541.2 | 541.5 | -0.3 | -0.1 | 496.8 | 44.4 | 8.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 5,346.2 | 5,185.7 | 160.4 | 3.1 | 4,261.9 | 1,084.3 | 25.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 5,003.2 | 4,856.4 | 146.9 | 3.0 | 7,495.8 | -2,492.6 | -33.3 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.